DEĊIŻJONI (UE) 2020/139 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-22 ta' Jannar 2020

li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas u li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/45 (BĊE/2020/5)

Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 28.5 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") issottometta n-notifika tiegħu dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data ta' wara d-data msemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1810 tal-Kunsill Ewropew ([1]). Mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, il-Bank of England (BoE) ma jibqax ikun bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru u għalhekk tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Id-Deċiżjoni (UE) 2020/137 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/3) ([2]) tipprovdi għall-aġġustament tal-ponderazzjonijiet assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema għas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (iktar 'il quddiem "il-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital" u "l-iskema tal-kapital" rispettivament). Dan l-aġġustament jirrikjedi li l-Kunsill Governattiv jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital bejn il-BĊNi li huma membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fil-31 ta' Jannar 2020 sabiex jiżgura li d-distribuzzjoni ta' dawn l-ishma tikkorrispondi għall-aġġustamenti magħmula. Bl-istess mod, hija meħtieġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/45 tal-Bank Ċentrali Ewropew(BĊE/2018/29) ([3]) b'effett mill-1 ta' Frar 2020.

(2) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/138 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/4) ([4]) tiddetermina kif u sa fejn il-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem "BĊNi taż-żona tal-euro") huma obbligati jħallsu l-kapital tal-BĊE fid-dawl tal-iskema tal-kapital aġġustata. Id-Deċiżjoni (UE) 2020/136 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/2) ([5]) tiddetermina l-perċentwal li l-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (iktar 'il quddiem "BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro") huma obbligati jħallsu b'effett mill-1 ta' Frar 2020 fid-dawl tal-iskema tal-kapital aġġustata.

(3) Minħabba li kull BĊN taż-żona tal-euro diġà ħallas is-sehem tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Jannar 2020 taħt id-Deċiżjoni (UE) 2019/44 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/28) ([6]), taħt id-Deċiżjoni (UE) 2020/138 (BĊE/2020/4), kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi ammonti addizzjonali lill-BĊE sabiex sal-2022 jintlaħqu l-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1810 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tad-29 ta' Ottubru 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 278 I, 30.10.2019, p. 1).

([2]) Deċiżjoni (UE) 2020/137 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2020 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/43 (BĊE/2020/3) (ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Deċiżjoni (UE) 2019/45 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti tal-ishma tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/29 (BĊE/2018/29) (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 183).

([4]) Deċiżjoni (UE) 2020/138 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2020 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/44 (BĊE/2020/4) (ara paġna 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([5]) Deċiżjoni (UE) 2020/136 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2020 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro u li tirrevoka d-Deċiżjoni (UE) 2019/48 (BĊE/2020/2) (ara paġna … ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([6]) Deċiżjoni (UE) 2019/44 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/61 u tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/30 (BĊE/2018/28) (ĠU 9, 11.1.2019, p. 180).

(4) Bl-istess mod, minħabba li l-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro diġà ħallsu perċentwal mis-sehem tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' January 2020 taħt id-Deċiżjoni (UE) 2019/48 tal-BankĊentrali Ewropew (BĊE/2018/32) ([7]), taħt id-Deċiżjoni (UE) 2020/136 (BĊE/2020/2), kull BĊN li jifdal li mhuwiex fiż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE sabiex jintlaħqu l-ammonti murija fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Trasferiment ta' ishma ta' kapital

Meta wieħed iqis is-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN se jkun issottoskriva għalih fil-31 ta' Jannar 2020, u s-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN se jissottoskrivi għalih b'effett mill-1 ta' Frar 2020 bħala konsegwenza tal-aġġustament tal-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/136 (BĊE/2020/3), il-BĊNi għandhom jittrasferixxu l-ishma tal-kapital bejniethom permezz ta' trasferimenti mingħand u lill-BĊE biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-ishma fil-kapital b'effett mill-1 ta' Frar 2020 tikkorrispondi għall-ponderazzjonijiet aġġustati. Għal dan il-għan, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu u mingħajr il-ħtieġa ta' aktar formalità jew att, kull BĊN għandu jitqies bħala li ttrasferixxa jew irċieva, b'effett mill-1 ta' Frar 2020 is-sehem fil-kapital sottoskritt tal-BĊE muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal sehem fil-kapital li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN u "-" għal sehem fil-kapital li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE.

Artikolu 2

Aġġustament tal-kapital imħallas

1. Minħabba l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN taż-żona tal-euro ħallas mill-1 ta' Jannar 2019, u l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jħallas, skont l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2020/138 (BĊE/2020/4), fl-ewwel jum tal-operat tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) wara l-1 ta' Frar 2020, kull BĊN taż-żona tal-euro għandu, fir-rigward tal-ewwel ħlas parzjali tal-kapital li jrid isir, jittrasferixxi jew jirċievi l-ammont nett muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella murija fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal ammont li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE u "-" għal ammont li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN. Kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jagħmel żewġ pagamenti parzjali oħra jumejn ta' negozju qabel l-aħħar jum ta' negozju tat- TARGET2 tal-2021 u tal-2022 rispettivament bit-trasferiment tal-ammont nett muri ħdejn ismu fis-sitt u t-tmien kolonni, rispettivament, tat-tabella fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

2. Minħabba l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN lil mhuwiex fiż-żona tal-euro ħallas mill-1 ta' Jannar 2019, u l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Frar 2020, skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/136 (BĊE/2020/2) fl-ewwel jum tal-operat tat-TARGET2 wara l-1 ta' Frar 2020, kull BĊN għandu jittrasferixxi l-ammont nett muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella murija fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

3. Fl-ewwel jum tal-operat tat-TARGET2 wara l-ewwel ta' Frar 2020, il-BĊE u l-BĊNi taż-żona tal-euro li huma meħtieġa jittrasferixxu, bħala l-ewwel pagament, ammont taħt paragrafu 1, u l-BĊNi mhux taż-żona tal-euro li huma taħt obbligu li jittrasferixxu ammont taħt paragrafu 2, għandhom kull wieħed jittrasferixxu separatament kull imgħax fuq l-ammonti rispettivi dovuti li jakkumula tul il-perjodu mill-1 ta' Frar 2020 sad-data tat-trasferiment. Dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu dan l-imgħax għandhom ikunu l-istess bħal dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu l-ammonti li fuqhom jiddekorri l-imgħax.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. It-trasferimenti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom iseħħu permezz ta' TARGET2.

([7]) Deċiżjoni (UE) 2019/48 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Novembru 2018 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/31 (BĊE/2018/32) (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 196).

2. Fejn BĊN ma jkollux aċċess għal TARGET2, l-ammonti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom ikunu ttrasferiti billi jiġi akkreditat kont li l-BĊE jew il-BĊN għandhom jinnominaw fiż-żmien dovut.

3. Kull imgħax li jiddekorri skont l-Artikolu 2(3) għandu jiġi kkalkulat ta' kuljum, billi jintuża l-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għall-aħħar rata ta' imgħax marġinali disponibbli użata mill-Eurosistema fis-sejħiet għall-offerti tagħha għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin.

4. Il-BĊE u l-BĊNi li huma obbligati li jwettqu trasferiment taħt l-Artikolu 2 għandhom, fiż-żmien dovut, jagħtu l-istruzzjonijiet meħtieġa biex debitament jeżegwixxu tali trasferiment fil-ħin.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u revoka

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

2. Id-Deċiżjoni (UE) 2019/45 (BĊE/2018/29) hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Frar 2020.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni (UE) 2019/45 (BĊE/2018/29) għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-22 ta' Jannar 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

KAPITAL SOTTOSKRITT TAL-BĊNi

(EUR))

	Sehem sottoskritt fil-31 ta' Jannar 2020	Sehem sottoskritt mill-1 ta' Frar 2020	Sehem li jrid jiġi ttrasferit
BĊNi taż-żona tal-euro			
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	273 656 178,72	320 744 959,47	+ 47 088 780,75
Deutsche Bundesbank	1 988 229 048,48	2 320 816 565,68	+ 332 587 517,20
Eesti Pank	21 303 613,91	24 800 091,20	+ 3 496 477,29
Central Bank of Ireland	127 237 133,10	149 081 997,36	+ 21 844 864,26
Bank of Greece	187 186 022,25	217 766 667,22	+ 30 580 644,97
Banco de España	902 708 164,54	1 049 820 010,62	+ 147 111 846,08
Banque de France	1 537 811 329,32	1 798 120 274,32	+ 260 308 945,00
Banca d'Italia	1 277 599 809,38	1 495 637 101,77	+ 218 037 292,39
Central Bank of Cyprus	16 269 985,63	18 943 762,37	+ 2 673 776,74
Latvijas Banka	29 563 094,31	34 304 447,40	+ 4 741 353,09
Lietuvos bankas	43 938 703,70	50 953 308,28	+ 7 014 604,58
Banque centrale du Lussemburgu	24 572 766,05	29 000 193,94	+ 4 427 427,89
Bank Ċentrali ta' Malta	7 923 905,17	9 233 731,03	+ 1 309 825,86
De Nederlandsche Bank	440 328 812,57	515 941 486,95	+ 75 612 674,38
Oesterreichische Nationalbank	220 018 268,69	257 678 468,28	+ 37 660 199,59
Banco de Portugal	177 172 890,71	206 054 009,57	+ 28 881 118,86
Banka Slovenije	36 382 848,76	42 390 727,68	+ 6 007 878,92
Národná banka Slovenska	86 643 356,59	100 824 115,85	+ 14 180 759,26
Suomen Pankki	137 564 189,84	161 714 780,61	+ 24 150 590,77
BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro			
Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru)	92 131 635,17	106 431 469,51	+ 14 299 834,34
Česká národní banka	175 062 014,33	203 445 182,87	+ 28 383 168,54
Danmarks Nationalbank	162 223 555,95	190 422 699,36	+ 28 199 143,41
Hrvatska narodna banka	61 410 265,11	71 390 921,62	+ 9 980 656,51
Magyar Nemzeti Bank	144 492 194,37	167 657 709,49	+ 23 165 515,12
Narodowy Bank Polski	563 636 468,10	653 126 801,54	+ 89 490 333,44
Banca Națională a României	264 887 922,99	306 228 624,99	+ 41 340 702,00
Sveriges Riksbank	273 028 328,31	322 476 960,60	+ 49 448 632,29
Bank of England	1 552 024 563,60	0,00	–1 552 024 563,60
Total: [1]	**10 825 007 069,61**	**10 825 007 069,61**	**0,00**

[1] Minhabba xi tqarrib it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.

ANNESS II

KAPITAL IMĦALLAS TAL-BĊNi

(EUR)

	Sehem imħallas fil-31 ta' Jannar 2020	Sehem imħallas mill-1 ta' Frar 2020	Ammont ta' ħlas ittrasferit 1 ta' Frar 2020	Sehem imħallas mid-29 ta' Diċembru 2021	Ammont ta' ħlas ittrasferit 29 ta' Diċembru 2021	Sehem imħallas mid-28 ta' Diċembru 2022	Ammont ta' ħlas ittrasferit 28 ta' Diċembru 2022
BĊNi taż-żona tal-euro							
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	273 656 178,72	276 290 916,71	+ 2 634 737,99	298 517 938,09	+ 22 227 021,38	320 744 959,47	+ 22 227 021,38
Deutsche Bundesbank	1 988 229 048,48	1 999 160 134,91	+ 10 931 086,43	2 159 988 350,30	+ 160 828 215,39	2 320 816 565,68	+ 160 828 215,38
Eesti Pank	21 303 613,91	21 362 892,01	+ 59 278,10	23 081 491,61	+ 1 718 599,60	24 800 091,20	+ 1 718 599,59
Central Bank of Ireland	127 237 133,10	128 419 794,29	+ 1 182 661,19	138 750 895,83	+ 10 331 101,54	149 081 997,36	+ 10 331 101,53
Bank of Greece	187 186 022,25	187 585 027,73	+ 399 005,48	202 675 847,48	+ 15 090 819,75	217 766 667,22	+ 15 090 819,74
Banco de España	902 708 164,54	904 318 913,05	+ 1 610 748,51	977 069 461,84	+ 72 750 548,79	1 049 820 010,62	+ 72 750 548,78
Banque de France	1 537 811 329,32	1 548 907 579,93	+ 11 096 250,61	1 673 513 927,13	+ 124 606 347,20	1 798 120 274,32	+ 124 606 347,19
Banca d'Italia	1 277 599 809,38	1 288 347 435,28	+ 10 747 625,90	1 391 992 268,53	+ 103 644 833,25	1 495 637 101,77	+ 103 644 833,24
Central Bank of Cyprus	16 269 985,63	16 318 228,29	+ 48 242,66	17 630 995,33	+ 1 312 767,04	18 943 762,37	+ 1 312 767,04
Latvijas Banka	29 563 094,31	29 549 980,26	–13 114,05	31 927 213,83	+ 2 377 233,57	34 304 447,40	+ 2 377 233,57
Lietuvos bankas	43 938 703,70	43 891 371,75	–47 331,95	47 422 340,02	+ 3 530 968,27	50 953 308,28	+ 3 530 968,26
Banque centrale du Luxemburgu	24 572 766,05	24 980 876,34	+ 408 110,29	26 990 535,14	+ 2 009 658,80	29 000 193,94	+ 2 009 658,80
Bank Ċentrali ta' Malta	7 923 905,17	7 953 970,70	+ 30 065,53	8 593 850,87	+ 639 880,17	9 233 731,03	+ 639 880,16
De Nederlandsche Bank	440 328 812,57	444 433 941,02	+ 4 105 128,45	480 187 713,99	+ 35 753 772,97	515 941 486,95	+ 35 753 772,96

(EUR)

	Sehem imħallas fil-31 ta' Jannar 2020	Sehem imħallas mill-1 ta' Frar 2020	Ammont ta' ħlas ittrasferit 1 ta' Frar 2020	Sehem imħallas mid-29 ta' Diċembru 2021	Ammont ta' ħlas ittrasferit 29 ta' Diċembru 2021	Sehem imħallas mid-28 ta' Diċembru 2022	Ammont ta' ħlas ittrasferit 28 ta' Diċembru 2022
Oesterreichische Nationalbank	220 018 268,69	221 965 203,55	+ 1 946 934,86	239 821 835,92	+ 17 856 632,37	257 678 468,28	+ 17 856 632,36
Banco de Portugal	177 172 890,71	177 495 700,29	+ 322 809,58	191 774 854,93	+ 14 279 154,64	206 054 009,57	+ 14 279 154,64
Banka Slovenije	36 382 848,76	36 515 532,56	+ 132 683,80	39 453 130,12	+ 2 937 597,56	42 390 727,68	+ 2 937 597,56
Národná banka Slovenska	86 643 356,59	86 850 273,32	+ 206 916,73	93 837 194,59	+ 6 986 921,27	100 824 115,85	+ 6 986 921,26
Suomen Pankki	137 564 189,84	139 301 721,39	+ 1 737 531,55	150 508 251,00	+ 11 206 529,61	161 714 780,61	+ 11 206 529,61
BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro							
Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru)	3 454 936,32	3 991 180,11	+ 536 243,79	3 991 180,11	0,00	3 991 180,11	0,00
Česká národní banka	6 564 825,54	7 629 194,36	+ 1 064 368,82	7 629 194,36	0,00	7 629 194,36	0,00
Danmarks Nationalbank	6 083 383,35	7 140 851,23	+ 1 057 467,88	7 140 851,23	0,00	7 140 851,23	0,00
Hrvatska narodna banka	2 302 884,94	2 677 159,56	+ 374 274,62	2 677 159,56	0,00	2 677 159,56	0,00
Magyar Nemzeti Bank	5 418 457,29	6 287 164,11	+ 868 706,82	6 287 164,11	0,00	6 287 164,11	0,00
Narodowy Bank Polski	21 136 367,55	24 492 255,06	+ 3 355 887,51	24 492 255,06	0,00	24 492 255,06	0,00
Banca Națională a României	9 933 297,11	11 483 573,44	+ 1 550 276,33	11 483 573,44	0,00	11 483 573,44	0,00
Sveriges Riksbank	10 238 562,31	12 092 886,02	+ 1 854 323,71	12 092 886,02	0,00	12 092 886,02	0,00
Bank of England	58 200 921,14	0,00	−58 200 921,14	0,00	0,00	0,00	0,00
Total SEBĊ [1]	**7 659 443 757,27**	**7 659 443 757,27**	**0,00**	**8 269 532 360,44**	**+ 610 088 603,17**	**8 879 620 963,49**	**+ 610 088 603,05**

[1] Minħabba xi tqarrib it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.